Jekk jogħġbok tiktibx f'dan l-ispazju.

## A. Il-kitba ta' istruzzjonijiet (10 marki)

Int mitlub/a tikteb istruzzjonijiet ta' **bejn 50 u 60 kelma.**

**Agħżel** bejn **Istruzzjonijiet numru 1** jew **Istruzzjonijiet numru 2.**

1. Ikteb istruzzjonijiet biex jidhru f'magazin tal-iskola dwar kif tista' tipprepara xarba tajba bil-frott frisk u *yoghurt* biex tiffriska ftit fil-ġranet sħan tas-sajf.

**JEW**

2. Ikteb istruzzjonijiet biex jidhru f'magazin tal-iskola dwar kif tista' tagħmel kartolina b'materjal riċiklat għal persuna li se tagħlaq sninha.

**Fil-linji t'hawn taħt ikteb l-istruzzjonijiet.**

Dawn il-punti jistgħu jgħinuk.

- X'hemm bżonn?
- Xi jsir l-ewwel?
- Xi jsir iżjed biex titlesta x-xarba *jew* il-kartolina?

## Istruzzjonijiet _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

## B. Il-kitba ta' ittra informali (20 marka)

Agħżel **waħda** minn dawn l-ittri u iktibha billi tuża **bejn 140 u 200 kelma**.

1. **Immaġina li għadek kif ġejt lura minn vjaġġ bil-magna taż-żmien. Din ħaditek fir-raħal jew fil-belt fejn toqgħod ħamsin sena fil-futur.**

   Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek biex tirrakkontalu/ha x'rajt u xi nbidel tul dan iż-żmien kollu. Għid ukoll f'liema żmien tippreferi tgħix u għaliex.

   **Iffirma l-ittra bħala Tonio/Tania.**
   **L-indirizz tiegħek huwa: 67, Triq il-Merill, Ħal Farfett, FRF 7624.**

   *F'din l-ittra tista' tispjega kif ir-raħal jew il-belt tiegħek hu/hi issa u d-differenzi li rajt fil-futur – jekk kienx hemm bidla kbira, jekk telax xi bini ġdid, jekk għadekx tagħraf xi nies ...*



**JEW**

2. **Immaġina li għadek kif ġejt lura minn vjaġġ bil-magna taż-żmien. Din ħaditek fl-iskola tiegħek ħamsin sena fil-futur.**

   Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek biex tirrakkontalu/ha x'rajt u xi nbidel tul din il-medda ta' żmien. Għid ukoll liema skola tippreferi, t'issa jew li rajt fil-futur, u għaliex.

   **Iffirma l-ittra bħala Tonio/Tania.**
   **L-indirizz tiegħek huwa: 67, Triq il-Merill, Ħal Farfett, FRF 7624.**

   *F'din l-ittra tista' tispjega kif l-iskola tiegħek hi issa u d-differenzi li rajt fiha fil-futur – jekk kienx hemm bidla kbira, jekk sarx xi bini ġdid fl-iskola, jekk għadekx tagħraf xi klassijiet jew partijiet tal-iskola ...*

## Il-pjan tal-kitba (2 marki)

Agħmel **il-pjan** tal-kitba fuq l-ittra li għażilt.

**Ittra _______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

## L-ittra li għażilt

(18-il marka)

Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-ittra li għażilt.

Il-kitba għandha tkun **bejn 140 u 200 kelma**.

**Ittra ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

**Tmiem il-karta**